2026/1102

26.5.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1102

tat-22 ta' Mejju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128 li jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/128 ([2]) jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-snin finanzjarji 2021 sa 2027.

(2) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116, il-limitu massimu annwali għan-nefqa tal-FAEG għandu jkun kostitwit mill-ammonti massimi għas-sublimitu għan-nefqa relatata mas-suq u l-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 ([3]).

(3) F'konformità mal-Artikolu 103(1), il-punt (a), l-Artikolu 103(2) u l-Artikolu 103(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), bosta Stati Membri ddeċidew fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom li jwettqu rieżami tat-trasferiment ta' ċertu persentaġġ tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2026 lejn l-allokazzjonijiet tagħhom għall-FAEŻR.

(4) F'konformità mal-Artikolu 103(1), il-punt (b), l-Artikolu 103(3) u l-Artikolu 103(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115, bosta Stati Membri ddeċidew fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom li jwettqu rieżami tat-trasferiment ta' ċertu persentaġġ tal-allokazzjonijiet tal-FAEŻR tagħhom għas-sena kalendarja 2027 lejn l-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti.

(5) L-allokazzjonijiet rilevanti tal-Istati Membri għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Annessi V u IX tar-Regolament (UE) 2021/2115, kif ukoll id-diżaggregazzjoni annwali skont l-Istat Membru tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali stabbilit fl-Anness XI ta' dak ir-Regolament, ġew adattati konsegwentement permezz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/1 ([5]).

(6) F'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093, il-sublimitu għan-nefqa relatata mas-suq u l-pagamenti diretti tal-qafas finanzjarju pluriennali stabbilit fl-Anness I ta' dak ir-Regolament irid jiġi aġġustat skont l-aġġustament tekniku previst fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament wara li jsiru t-trasferimenti bejn il-FAEŻR u l-pagamenti diretti.

([1]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/128 tat-3 ta' Frar 2021 li jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (ĠU L 40, 4.2.2021, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/128/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/1 tal-1 ta' Diċembru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għall-pagamenti diretti u d-diżaggregazzjoni annwali skont l-Istat Membru tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali (ĠU L, 2026/1, 6.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2026/1/oj).

(7) Għaldaqstant jeħtieġ jiġi aġġustat il-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG għas-sena 2027 kif stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li jiġu indikati wkoll l-ammonti disponibbli għall-FAEŻR u l-ammonti trasferiti mill-FAEŻR.

(8) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128 hu sostitwit bit-test tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS

Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG

(EUR miljun)

Sena finanzjarja	Ammonti disponibbli għall-FAEŻR		Ammonti trasferiti mill-FAEŻR	Bidla wara r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 [1]	Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG
	L-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2]	L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013	L-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013		
2021	1 099,539	58,165	600,658		40 367,954
2022	1 086,292	57,919	525,400		40 638,189
2023	1 277,253	55,858	507,322		40 692,211
	L-Artikolu 103(1), il-punt (a) u l-Artikolu 103(2) tar-Regolament (UE) 2 021/2 115	L-Artikolu 17(5) tar-Regolament (UE) 2 021/2 115	L-Artikolu 103(1), il-punt (b), u l-Artikolu 103(3) tar-Regolament (UE) 2 021/2 115		
2024	1 632,136	5,000	590,214		40 602,078
2025	1 702,286	5,000	590,214	- 136,000	40 528,928
2026	1 807,987	5,000	590,214	- 149,000	40 541,227
2027	1 933,963	5,000	637,456	- 155,000	40 590,493

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj).

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1307/oj)."